TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

Fl-atti tat-Talba CCT 176/21/F

**Francis Vella**

**vs**

**International Sales Direct**

Illum, 29 ta' April 2024

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-rikorrent nhar il-11 ta' Ottubru 2021;

Ra r-Risposta ppreżentata mill-azjenda intimata nhar l-10 ta' Jannar 2023;

Sema' x-xhieda tal-partijiet;

Ra d-dokumenti eżebiti mill-partijiet;

Ra r-relazzjoni ta' Prof. Ing. Charles Yousif tat-3 ta' April 2023 fuq inkarigu tat-Tribunal;

Sema' s-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

**Ikkonsidra:**

Illi permezz ta' dawn il-proċeduri, ir-rikorrent qed jitlob li l-azjenda intimata tiġi kkundannata tħallsu s-somma ta' **elfejn, disa mija u tnejn u erbgħin Euro u erba u tletin ċenteżmu (€2,942.34)** komposta mis-segwenti:

- Is-somma ta' **€2,371.80** in linea ta' dik li jsejjaħ bħala differenza bejn il-prezz li huwa ħallas għal sitt pannelli fotvoltajiċi versu l-prezz li

konsumaturi oħrajn ħallsu għal sitt pannelli fotvoltajiċi mingħand l-istess fornitur, u ċioè l-azjenda intimata;

- Is-somma ta' **€248.64** rappreżentanti skont li jgħid li ġie mwiegħed iżda ma ġiex mogħti;
- Is-somma ta' **€293** rappreżentanti taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) li skont ir-rikorrent ġiet applikata erronjament;
- Is-somma ta' **€28.50** rappreżentanti telf ta' ġenerazzjoni elettrika għal 38 jum.

Illi dawn il-proċeduti infetħu mir-rikorrent wara biss tlett xhur li xtara l-pannelli fotovoltajiċi u għalhekk ċertament ma hemmx kwistjonijiet ta' preskrizzjoni.

Illi l-azjenda intimata, permezz tar-risposta tagħha tirribatti li inizzjalment kien hemm "żball uman" fil-mod kif inħadmet il-fattura tar-rikorrent iżda l-prezz finali dejjem baqa' l-istess u r-rikorrent dejjem qabel ma dan il-prezz. Tgħid ukoll li l-paragun mal-prezzijiet imħallsa minn konsumaturi oħrajn mhuwiex ġustifikat.

## Il-Prezz tal-Pannelli, Skontijiet u VAT

Illi r-rikorrent ressaq lil Philip Pisani bħala xhud fejn dan fil-fatt ikkonferma li huwa kien xtara pannelli fotovoltajiċi mingħand l-azjenda intimata waqt promozzjoni kummerċjali u kkonferma l-fattura provduta lilu. It-Tribunal jinnota li huwa minnu li Pisani ħallas anqas għal kull pannella iżda jinnota li Pisani xtara tmienja filwaqt li r-rikorrent xtara sitta u kien hemm trapass ta' xahrejn bejn bejgħ u l-ieħor. Għalhekk ma jkunx korrett li jsir paragun dirett. Illi intant, it-Tribunal ra li r-rikorrent effettivament kien qabel mal-prezz finali tant li ffirma fuq il-fattura u l-unika riżerva li kiteb bl-idejn kienet "*subject to clearance from REWS*", xejn aktar u xejn anqas. Imbagħad fix-xhieda tiegħu quddiem it-Tribunal jikkonferma li "jien prezz wieħed tawni ta' €8,400 u kont qbilt miegħu bħala prezz inkluż id-*discount*". Għalhekk, it-Tribunal ser jiċħad it-Talba sa fejn ibbażata fuq dan l-ilment. Fuq l-iskorta tal-istess raġunament u ladarba r-rikorrent iddikjara li huwa qabel mal-prezz globali ta' €8,400, lanqas ma hemm lok li t-Tribunal jinoltra ruħu dwar dawk l-aspetti tal-ilment li jikkonċernaw l-

iskont u t-taxxa fuq il-valur miżjud. It-talba għal €28.50 rappreżentanti telf ta' ġenerazzjoni elettrika għal 38 jum ma ġietx sostnuta u għalhekk ma tistax jiġi kkunsidrata.

## Il-Prestazzjoni tal-Pannelli u Prattiċi Kummerċjali Qarrieqa

Illi sa fejn hija konċernata t-Talba vera u proprja fl-Avviż promotur, ir-Rikorrent illimita ruħu li jitlob rimborż tas-somma ta' €2,942.34 komposta kif spjegat aktar 'il fuq f'din is-sentenza. Madankollu, fix-xhieda tiegħu quddiem it-Tribunal, iqajjem l-iment li minkejja li ġie mwiegħed lilu li l-pannelli kienu kapaċi jipproduċu 15-il *unit* ta' elettriku kuljum, in prattika dawn qed jipproduċu madwar 7 *units*. It-Tribunal jaf li l-prattika ritwali trid li t-termini tal-azzjoni jkunu stabbiliti biss permezz tal-att li bihom jinbdew il-proċeduri iżda jmil ukoll għal dak li jiddisponi l- Artikolu 21(1) tal-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta u ċioè li "it-Tribunal jaqta' l-kwistjonijiet f'talba jew kontro-talb apreżentati quddiemu skont kull meritu u ġustizzja sostantiva tal-każ, u skont l-ekwità". Għalhekk, sabiex jiġi mistħarreġ dan l-ilment u jiġu evitati litiġġji ulterjuti bejn il-partijiet, it-Tribunal għadda biex jaħtar lill-Prof. Ing. Charles Yousif biex wara li jagħmel aċċess fir-residenza tar-rikorrent, jirrelata dwar:

- Il-prestazzjoni ossija *performance* ta' dawn il-pannelli;
- Jekk il-pannelli li hemm installati għand ir-rikorrent humhiex tal-kwalità u rekwiżiti hekk kif miftehma fil-kuntratt tal-bejgħ;
- L-idoneità tal-post fejn hemm imwaħħal l-*inverter* relattiv għas-sistema tal-pannelli.

Illi permezz tar-relazzjoni tiegħu maħlufa fit-3 ta' April 2023, l-espert nominat, in suċċint, ikkonkluda illi:

- Il-prestazzjoni tal-pannelli in kwistjoni hija "*in line with their expected output*";
- Il-kwalità tal-pannelli in kwistjoni hija waħda tajba;

- Il-post fejn huwa imwaħħal l-*inverter* tas-sistema, fuq barra, mhux ideali u ssuġerixxa li dan jiddaħħal fil-*washroom* jew inkella li jsirlu lqugħ apposta sabiex tiġi evitata ħsara minn ilmijiet tax-xita u sħanat eċċessivi tax-xemx.

It-Tribunal jinnota ukoll li l-espert jagħti varji suġġerimenti kif l-*array* tas-sistema jista' jiġi ripożizzjonat biex possibilment jiġi evitat aktar id-dell. Għalkemm siewja u dettaljati ħafna, it-Tribunal iħoss li dawn is-suġġerimenti jmorru lilhinn mill-parametri ta' din l-azzjoni, li twieldet oriġinarjament bħala kontestazzjoni tal-prezz imħallas.

Illi l-espert jikkonkludi ukoll li:

> "*the output for the year 2022 was compared to the expected output at the actual setup on site. It was found that the overall performance of the system is correct i.e. 3647 kWh/year compared to the calculated 3627 kWh/year, equivalent to an average output of 9.93 units per day. <u>The quoted output of an average of 15.06 units per day is misleading and is technically not possible to achieve</u>*".

Illi t-Tribunal evalwa imejl mibgħuta minn ċertu Peter Winchester f'isem l-azjenda intimata fejn fiha jgħid li "*based on 6 panels, generates 15.06 daily. I also gave you 8 panels which will generate 20.09 daily*". Fit-trattazzjoni, l-abbli rappreżentant tal-azjenda intimata saħaq li dak li jindikaw dawn il-figuri huwa biss il-massimu li jistgħu jagħtu l-pannelli taħt kondizzjonijiet ottimi u mhux ċert li dejjem ser jagħtu dik il-prestazzjoni. It-Tribunal jifhem dan l-argument iżda jqis li fid-diċitura tal-imejl tali spjegazzjoni ma tirriżulta mkien u allura, speċjalment in vista tal-fatt li r-rikorrent huwa raġel imdaħħal fiż-żmien, ir-rappreżentazzjoni magħmula mhijiex waħda li tilħaq il-grad ta' trasparenza li trid il-liġi fil-prattiċi kummerċjali.

**Ir-Rimedju**

Illi, in vista tal-premess, ai termini tal-Artikolu 21(2) tal-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħed jillikwida *arbitrio boni viri* danni attwali u morali għall-inkonvenjenza fl-ammont ta' erba mitt Euro (€400) a favur ir-rikorrent. Dan l-ammont jirrifletti fih ukoll l-ispejjeż li jista' jinkorri ir-rikorrent sabiex jagħmel ilqugħ appożitu għall-*inverter* tas-sistema kif suġġerit mill-espert tekniku fir-

relazzjoni tiegħu u dan għax l-azjenda intimata ma mxietx skont l-arti u s-sengħa meta installatu fuq barra espost għall-elementi.

**Deċiżjoni:**

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi jilqagħha limitatament u jordna lill-azjenda intimata sabiex tħallas lir-rikorrent is-somma komplessiva ta' erba mitt Euro (€400).**

**L-imgħax jgħodd mid-data ta' din is-sentenza.**

**Kull parti ġġorr l-ispejjeż tagħha.**

**Avv. Mattia Felice LL.B., LL.D. (Melit.)**
***Arbitru***